TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIM TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 147/12/GZ

**Antonino u Anna Maria Zammataro**

**vs**

**Tiara Company Ltd.**

Illum 27 ta' Frar 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Gunju, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' tliet elef erbgha mija erbgha u disghin Ewro (€3494.00), rappreżentanti l-prezz li huma hallsu lis-socjeta' ntimata ghal diversi bicciet ta' ghamara, liema ghamara kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Fl-24 ta' Frar 2009 huma kienu ghamlu l-ewwel ordni mas-socjeta' ntimata ghal hames bicciet ta' ghamara, li kellhom jigu kkonsenjati lilhom mhux iktar tard minn Gunju 2009, pero' wara hafna persistenza da parti tar-rikorrenti, gew ikkonsenjati fil-25 ta' Awissu 2009, u kien hemm bicciet ta' l-ghamara li ma kienux f'kondizzjoni tajba. Ir-rikorrenti kienu lmentaw mas-socjeta' ntimata rigwardanti l-ghamara difettuza, fejn is-socjeta' ntimata kienet qablet maghhom illi tali ghamara kellha tinbidel.

Fit-30 ta' Novembru 2009, ir-rikorrenti ordnaw xi ghamara ohra, inklux ghamara sabiex tigi ssostitwita l-ghamara difettuza, hekk skond il-ftehim bejn il-partijiet. Din l-ordni giet ikkonsenjata lilhom sena wara, u cioe' fit-18 ta' Ottubru 2010, u anke din id-darba l-ghamara kienet difettuza.

Din l-istorja kompliet u r-rikorrenti baqghu b'ghamara ddanneggjata u difettuza.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew l-ircevuti, li gew immarkata bhala Dok.ZAMM1 sa Dok.ZAMM5; flimkien ma' sett ritratti, li gew immarkati bhala Dok.AMZ.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata, u jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata naqqset b'mod kbir fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrenti konsumaturi, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' tliet elef erbgha mija erbgha u disghin Ewro (€3494.00) lir-rikorrenti, u jordna wkoll illi s-socjeta' ntimata ghandha tigbor u tiehu lura l-ghamara kollha in kwistjoni minghand ir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**